**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni tal-Familja**

**Magistrat Dr Brigitte Sultana LL.D., LL.M. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha 29 ta' Jannar 2021**

**Rikors numru:- 13/2020 (BS)**

**Cc**

**-vs-**

**Dd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Cc illi ppremetta:

1. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-intimata Dd welldet lit-tarbija Cole Charles Xuereb fl-Isptar Mater Dei f'Malta;

2. Illi Cole Charles Xuereb twieled mir-relazzjoni li r-rikorrenti Cc kellu mal-intimata Dd;

3. Illi meta t-tarbija giet registrat mill-intimata r-rikorrenti ma giex rikonoxxut bhala missier/genitur tat-tarbija;

4. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) r-rikorrenti baghat ittra ufficcjali lill-intimata ai termini tal-Artiklu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex huwa jaghraf lil Cole Charles Xuereb bhala ibnu;

5. Illi minkejja li ghaddew ix-xahrejn kontemplati fl-istess Artiklu hawn fuq indikat l-intimata baqghet ma wegbitx ghat-talba kif indikata fl-ittra ufficcjali tar-rikorrenti biex huwa jigi registrat u rikonoxxut bhala missier Cole Charles Xuereb;

6. Illi ghalhekk kellu jigi prezentat dan ir-rikors guramentat biex r-rikorrenti jigi rikonoxxut bhala missier Cole Charles Xuereb illi twieled fl-ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) u registrat bhala missier l-istess Cole Charles Xuereb.

Talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1) Tiddikjara illi r-rikorrenti Cc huwa missier l-minuri Cole Charles Xuereb iben l-intimata Dd u li twieled fl- ghoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018);

2) Tordna li ssir ir-registrazzjoni ta' dak it-taghrif ta' Cc bhala missier Cole Charles Xuereb fl-atti tal-istat civili relattivi;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali numru 104/2020, tal-ittri nterpellatorji u bl-ingunzjoni tal-konvenuta li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' Dd illi ddikjarat illi:

i) Hija ma ghandhiex oggezzjoni li r-rikorrent jigi dikjarat u registrat fuq l-atti pubblici bhala missier il-minuri b'dana illi t-tifel minuri jigi registrat bl-isem "Cole Charles Xuereb";

ii) L-Ittra Ufficjali 104/2020 hija nulla peress li gietipprezentata Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili meta si tratta materia tal-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja u ghalhekk ma tistax titqies wahda valida;

iii) Di piu' tali ittra ufficjali giet ipprezentata f'sitwazzjoni medika ta' emergenza tal-COVID-19 u ma setghetx tohrog mid-dar gewwa Malta stante illi t-tifel kellu biss sena u tmien xhur;

iv) In vista tas-suespost fejn ir-rikorrent missier ghogbu jintavola l-procedura fi zmien tal-COVID-19 minghajr kaz ghas-sitwazzjoni t'emergenza fil-pajjiz u dan wara dan iz-zmien kollu fejn qatt ma wera interess fil-minuri minn mindu l-esponenti kienet tqila, l-esponenti umilment tissottometti li hija ma ghandhiex tbaghti l-ebda spejjez fir-rigward tal-procedura odjerna.

Rat l-atti kollha tal-procediment;

Rat li fil-verbal tat-30 ta' Lulju, 2020 il-konvenuta ddikjarat li hija ma ghandhiex oppozizzjoni ghar-rigward li t-tifel minuri jigi rregistrat bhala iben l-attur b'dan illi isem il-minuri jkun dikjarat bhala Cole Charles Cilia Xuereb.

Rat ukoll li l-attur fl-istess seduta nsista li xorta wahda ghandu jsir it-test tal-paternita' u ghalhekk giet nominata Dr. Marisa Cassar sabiex taffettwa tali test.

Rat ir-rapport tad-DNA redatt minn Dr. Marisa Cassar u pprezentat illi fit-18 ta' Novembru, 2020

Rat illi l-intimata pprezentat nota fid-19 ta' Novembru, 2020 fejn iddikjarat ghal darb'ohra illi hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni lill-attur jigi dikjarat

missier binha, pero' ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-procedura stante li l-procedura odjerna giet intavolata fiz-zmien meta kien hawn l-emergenza medika tal-COVID 19 u hija ma setghetx tohrog mid-dar minhabba binha.

Rat illi fis-seduta ta' l-11 ta' Dicembru, 2020, il-kawza thalliet ghas-sentenza in *difetto ostacolo* ghad-29 ta' Jannar, 2021.
**Ikkunsidrat.**

**Provi.**

Din il-kawza giet intavolata mill-attur sabiex huwa jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri Cole Charles Xuereb li twieled fl-20 ta' Ottubru, 2018. Omm it-tarbija hija l-konvenuta. L-attur jghid illi huwa kellu relazzjoni mal-konvenuta. Jafferma illi huwa baghat ittra ufficjali lill-konvenuta ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, u jrid illi c-certifikat tat-twelid jinbidel u huwa jigi rikonoxut bhala l-missier.

Minn naha l-ohra l-konvenuta permezz ta' nota pprezentata fid-19 ta' Novembru, 2020 tiddikjara li hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni li l-attur ikun registrat bhala l-missier izda ma ghandhiex tbati spejjez.

Illi l-aqwa prova f'kawzi bhal din huma t-testijiet xjentifici u genetici, li fil-kaz odjern, ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri . Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "*Mit-testijiet li għamilt irriżulta illi Cc (ID No. 17199G) hu l-missier naturali ta' Cole Charles Xuereb.*[1]" It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-gurament, jelimina kull dubju dwar l-istess paternita'. Ghaldaqstant, il-provi migjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod car u nekwivoku li Cole Charles Xuereb huwa l-wild naturali ta' l-attur.

**Id-Dritt.**

[1] Ara affidavit ta Dr. Marisa Cassar a fol 18 tal-process

Skont l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili l-attur kien obbligat illi jinnotifika lill-konvenuta b'ittra ufficjali li huwa behsiebu japplika ghar-registrazzjoni *qua* missier il-minuri. Il-konvenuta mbaghad kellha xahrejn zmien minn notifika ta' l-att biex permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali, taqbel li ssir dik ir-registrazzjoni jew inkella f'kaz li ma taqbilx jew ma twegibx, dik l-ittra ufficjali fi zmien xahrejn minn notifika ta' l-ittra ufficjali, allura skont l-istess artikolu, l-attur seta' jmexxi b'rikors quddiem il-qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi – kif fill-fatt hekk gara.

**Ikkunsidrat.**

Skont l-artikolu precitat qabel ma missier jghaddi biex jipprezenta rikors quddiem il-Qorti huwa ghandu bilfors jinnotifika lill-omm b'ittra ufficjali. Il-ghan ta l-ittra ufficjali huwa li tgharraf lill-omm bil-hsieb tal-missier illi jitlob li jigi rikonoxxut bhala tali. Fin-nota pprezentata mill-omm f'Novembru, 2020 hija tghid li l-ittra ufficjali hija nulla ghax giet intavolata quddiem qorti zbaljata u nfatti kellha tigi pprezentata fil-Qorti tal-Familja. Il-Qorti tinnota li ghalkemm l-attur jaghmel referenza ghall-ittra ufficjali[2] tieghu fir-rikors guramentat u anke jiddikjara li giet ipprezentata fl-20 ta' Frar, 2020, madankollu l-ebda kopja legali ta' dik l-ittra ma giet ipprezentata fl-atti. Huwa fatt ukoll pero' li l-konvenuta mkien ma affermat li hija qatt ma giet notifikata b'tali ittra, anzi ghall-kuntrarju fin-nota taghha tghid li dik l-ittra hija nulla ghax mhux ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Familja. Tghid ukoll li hija ma setghetx twiegeb minhabba s-sitwazzjoni ta' emergenza ta' Sahha Pubblika li holoq il-COVID 19. Ghal din il-Qorti tali argumenti huma siewja ghax jippruvaw li l-konvenuta ghandha gharfien tal-konteut ta' dik l-ittra u allura tqis li l-ittra ufficjali effettivament giet notifikata lill-konvenuta, u konsegwentement ifisser li l-attur ottempora ruhu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodici Civili.

[2] Bin-numru 104/2020

Kuntrarju ghal dak sollevat mill-konvenuta l-fatt li l-ittra ufficjali setghet giet ipprezentata quddiem il-qorti zbaljata ma jwassalx ghan-nullita' ta' l-ittra billi l-ghan tan-notifika ta' l-ittra huwa li l-omm issir taf bl-intenzjoni tal-missier, kif fil-fatt gara fil-kaz odjern. Il-kontenut tan-nota tal-konvenuta ma jhalli l-ebda dubju f'mohh il-Qorti li n-notifika saret.

Gia la darba hu stabbilit li n-notifika saret, kien jinkombi fuq il-konvenuta li tara li twiegeb fit-terminu stabbilit. Hija tishaq li ma setghetx tohrog mid-dar, pero' l-Qorti tinnota li n-nota giet intavolata fid-19 ta'Novembru, 2020. Huwa minnu li minhabba l-emergenza li nholqot bil-COVID 19 il-qrati ghamlu xi zmien maghluqa u t-termini legali kienu sospizi pero' l-legali taghha dehret fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2020 u sa dak inhar kienet ghadha ma pprezentat xejn. Fis-seduta weghdet illi ser tipprezenta nota liema nota giet pprezentata erba' xhur wara. Il-Qorti tinnota wkoll li din in-nota giet ipprezentata wara t-terminu ta' jumejn akkordat lilha fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2020.[3] Dan id-dewmien zgur li ma jistax jigi attribwit ghall-emergenza fis-Sahha Pubblika.

Billi l-Qorti hija tal-fehma li kif jirrizulta ampjament, l-ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-konvenuta li min-naha taghha ghazlet illi ma twegibhiex ghaldaqstant ghandha tkun il-konvenuta illi tbati l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u konsegwentement tiddikjara illi l-minuri Cole Charles Xuereb imwieled fl-20 ta' Ottubru 2018 minn Dd huwa l-iben naturali tal-attur Cc detentur tal-karta tal-identita' numru 17199(G);

2. Tilqa' t-tieni talba u konsegwentement tordna li ssir ir-registrazzjoni ta' Cc bhala missier Cole Charles Xuereb fl-atti ta' l-istat civili relattivi.

[3] Fis-seduta tat-13 ta' Novembru, 2020 inghatat jumejn zmien ghal prezentata tan-nota izda n-nota giet ipprezentata fid-19 ta' Novembru, 2020.

Spejjez ta' din il-kawza huma a karigu tal-konvenuta.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur